# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 252/17 AL**

**Dr Amanda Marie Cini**

**v.**

**Dr Darien Cini**

**Il-Qorti:**

1. Waqt kawża ta' firda, fid-9 ta' Mejju, 2018 il-konvenut ippreżenta rikors u talab lill-qorti sabiex skont l-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, "*.... tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi*".

2. L-attriċi ddikjarat li fil-prinċipju taqbel mat-talba, pero' qabel il-qorti tilqa' t-talba l-konvenuta għandha tkun meħlusa mill-garanzija li tat għal dejn ta' żewġha u wkoll tkun riżolta l-kwistjoni dwar id-dar matrimonjali, fis-sens li jew tinbiegħ jew il-konvenut jakkwista s-sehem tagħha fid-dar.

3. B'deċiżjoni tas-6 ta Novembru, 2018 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet it-talba tal-konvenut bir-raġunament ikun li:

> "*Fil-każ odjern, bħall-maġġoranza tas-separazzjonijiet l-oħra hemm diversi benefiċċji li jistgħu jirriżultaw mix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ikbar fosthom dejjem tkun li kull parti ma tkunx responsabbli għad-dejn talvolta kontrattat mill-parti l-oħra. Din il-Qorti dejjem segwiet l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ċċitata supra Mizzi vs Mizzi, fejn ġie kkunsidrat li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi impunjat lill-komunjoni.*
>
> "*Il-Qorti tirrileva illi fil-każ odjern, sfortunatament, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ma ġġibx dan is-serħan tal-moħħ. L-intimata hija tenuta responsabbli għad-dejn ta' żewġha mhux sempliċiment ex lege bħala komproprjetarja miegħu tal-komunjoni tal-akkwisti, iżda responsabbli għal dejn ta' żewġha mhux sempliċiment ex lege bħala komproprjetarja miegħu tal-komunjoni tal-akkwisti, iżda responsabbli wkoll ex contractu. Dana jfisser illi jekk huwa jibqa' jagħmel użu mill-overdraft tiegħu sal-limitu konċess mill-Bank, irrispettivament illi l-partijiet ikunu xoljew il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, l-intimata xorta waħda tibqa' garanti tar-rikorrent u dana bis-saħħa tal-kuntratt ġja ċċitat u kwindi responsabbli għal dan l-overdraft.*
>
> "*Fi ftit kliem, dana jfisser li filwaqt li l-intimata ma tibqax tgawdi mill-introjtu ta' żewġha, hija tibqa' tbati d-debiti tiegħu. Normalment il-fatt li parti ma tibqax tgawdi mill-introjtu tal-parti l-oħra, ma jservix ta' deterrent għall-Qorti milli takkolji t-talba tal-waqfien tal-komunjoni, in vista li l-Qorti dejjem irritjeniet li dhin hija konsegwenza naturali tas-separazzjoni personali.*
>
> "*Iżda li twaqqaf il-benefiċċju tal-introjtu, mingħajr ma twaqqaf ukoll it-toqol tad-dejn, dana ma jkunx ġust fil-konfront tal-intimata illi b'hekk tkun qed tiġi serjament ippreġudikata. Din il-biża hija reali u l-Qorti ma tistax twarrabha. Hija tal-fehma li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, l-intimata titpoġġa fir-riskju li tkun ippreġudikata b'mod sproporzjonat, sitwazzjoni li l-leġislatur ma jridihiex.*

> "*In vista ta' dan kollu suespost, il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtieġa ai termini tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx. L-ilmenti tal-intimata jammonta għall-'preġudizzju mhux proporzjonat' li hija potenzjalment tista' tbati minnu u għaldaqstant huma tali jiġġustifikaw iċ-ċaħda tar-rikors*".

4. B'rikors preżentat fit-23 ta' Novembru, 2018 il-konvenut appella mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti, bl-aggravji jkunu:

i. **L-ewwel aggravju** – l-ewwel qorti ma tatx lill-partijiet l-opportunita' li jressqu l-provi jew jagħmlu sottomissjonijiet waqt seduta. Meta l-konvenut ippreżenta r-rikors, ma kienx possibbli li jkun jaf l-argumenti kollha li ser tagħmel martu biex topponi t-talba.

ii. **It-tieni aggravju** – l-ewwel qorti kienet legalment żbaljata meta kkonkludiet li l-attriċi ser tiġi ppreġudikata b'mod li mhuwiex proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qbael is-sentenza tal-firda ersonali, u dan għaliex kienet sajma mill-provi u dokumenti relatati mal-garanzija li tat l-attriċi.

5. Fit-18 ta' Diċembru, 2018 l-attriċi ppreżentat tweġiba u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenut. L-argument prinċipali tal-attriċi hu li jekk titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut ikun jista' jagħmel iktar dejn li jfisser żieda ta' riskju li l-bank

jippretendi l-ħlas mingħandha peress li hi solidalment garanti ma’ żewġħa għad-dejn parafernali tiegħu.

6. Fil-mori tal-appell seħħew dawn l-iżviluppi:-

i. Fit-8 ta’ Ottubru, 2019 il-konvenuta ppreżenta att ta’ kanċellament tal-garanziji li l-attriċi kienet tat lil Bank of Valletta plc għad-dejn tal-konvenut. Att li sar mill-istess bank fis-26 ta’ Settembru, 2019.

ii. Fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2019 l-attriċi ppreżentat ittra datata 10 ta’ Ottubru, 2019 li rċeviet mingħand il-bank. Fiha hemm konferma li, “*Dr Amanda Cini is released from the suretyship in respect of the overdraft facilities granted by deed of the 27th May 2014 in the records of Notary Dr Sam Abela and that she had never signed any bank guarantee forms in this respect*”.

iii. F’dik l-istess seduta l-attriċi ddikjarat li, “*.... m’għandhiex oġġezzjoni li t-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tiġi milqugħa salv pero illi l-appellata m’għandha tbagħti l-ebda spejjeż ta’ dan l-appell*”.

7. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, mhemmx disposizzjoni fil-liġi li teżiġi li rikors bħal dak li ppreżenta l-konvenut fid-9 ta’ Mejju, 2018

għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti kellu jkun appuntat għas-smiegħ u l-partijiet jingħataw l-opportunita' li jressqu provi. Il-ħtieġa ta' smiegħ quddiem il-qorti mhuwiex regola assoluta li japplika għal kull kwistjoni. Il-fatt waħdu li wara li l-attriċi wieġbet għar-rikors tal-konvenut, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma laqgħetx it-talba tiegħu sabiex jippreżenta replika, ma jfissirx li l-konvenut ma ngħatax smiegħ xieraq (ara rikors li ppreżenta fil-25 ta' Mejju, 2018). Dan apparti li r-rikors promotur u r-rikors tal-25 ta' Mejju, 2018 ma kienux jinkludu talba sabiex il-konvenut jingħata l-opportunita' li jressaq il-provi.

8. F'kull każ fir-rikors tal-appell ma ngħad xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li f'dan il-każ kien hemm bżonn li jinstemgħu xhieda qabel l-ewwel qorti tiddeċiedi t-talba. Il-fatti rilevanti huma magħrufa u mhemmx kontestazzjoni dwarhom. Inoltre, għalkemm il-konvenut jilmenta li l-ewwel qorti "*.... kienet sajma mill-provi u dokumentazzjoni neċessarji dwar il-garanzija mogħtija (ad eċċezzjoni tal-kuntratt eżebit mar-risposta tal-appellata (Dok. KA1) li ironikament huwa kuntratt li ġie pubblikat qabel iż-żwieġ tal-partijiet u konsegwentement fi żmien meta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma kinitx fis-seħħ*", ma qalx x'kienu l-provi.

9. F'kull każ il-meritu ta' dak l-aggravju hu llum eżawrit wara l-iżviluppi li kien hemm fil-mori tal-appell. Illum iż-żewġ partijiet jaqblu li l-qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Żvilupp li seħħ wara li l-Bank of

Valletta plc ikkanċella l-garanzija li tat l-attriċi għall-*overdraft* li kien ingħata l-konvenut qabel iż-żwieġ.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju, jirriżulta li permezz ta' att pubbliku tal-25 ta' Mejju, 2014 ippubblikat min-nutar Dr Sam Abela, il-konvenut ingħata *overdraft* ta' erbgħin elf ewro (€40,000) mingħand il-Bank of Valletta plc *"for his personal commitments"*.[1] L-attriċi kienet parti għal dak il-kuntratt bħala garanti u dan permezz ta' ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali għan-nofs indiviż tagħha mid-dar komuni bin-numru 13 u 15, Triq il-Providenza, Balzan. Fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt li bih il-konvenut ingħata l-overdraft, il-partijiet kienu għadhom għarajjes.

11. Skont l-artikolu 55(4) tal-Kodiċi Ċivili:

> "*Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra* ***tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni*** *qabel is-sentenza tal-firda*".

12. L-attriċi kienet qegħda tagħmel tajjeb flimkien mal-konvenut, għad-dejn tiegħu sas-somma ta' €40,000. Il-konvenut stess iddikjara li *'l-overdraft in kwistjoni huwa diġa maxed out'*. Għalhekk l-attriċi kellha *exposure* għas-somma ta' €40,000 u l-imgħax. Hu evidenti li l-attriċi daħlet bħala garanti solidali għad-dejn tal-konvenut għaliex kienu waslu sabiex jiżżewwġu.

[1] Ara paġna 2 tal-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 2014.

13. Biż-żwieġ daħlet fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk id-dħul kollu tal-konvenut tgawdi minnu l-attriċi wkoll. F'każ li l-ewwel qorti tat ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti kien iwassal għal sitwazzjoni assurda fejn filwaqt li l-attriċi ma tgawdix iktar mill-introjtu ta' żewġha, fl-istess waqt tibqa' garanti għad-dejn parafernali tiegħu li hu f'somma mhux żgħira. F'dan ix-xenarju din il-qorti m'għandhiex dubju li l-ewwel qorti kienet ġustifikata li tikkonkludi li l-attriċi kienet tbagħti preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni. L-introjtu ta' żewġha li għandu l-professjoni ta' dentist, fih innifsu kien garanzija għall-attriċi għall-garanzija li tat lil Bank of Valletta plc għad-dejn ta' żewġha.

14. Għalhekk ġialadarba li llum hemm qbil bejn il-kontendenti li din qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, baqa' biss pendenti l-kwistjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji. L-attriċi ħarġet rebbieħa quddiem l-ewwel qorti u għalhekk il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Kieku ma ntleħaqx ftehim fl-istadju tal-appell, il-qorti kienet tiċħad l-appell għar-raġuni li ngħatat hawn fuq. Għaldaqstant, l-ispejjeż tal-appell għandu wkoll jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut.

Għal dawn il-motivi:-

**1.** Tħassar id-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-6 ta' Novembru, 2018 u b'effett mil-lum tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

**2.** Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb